MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Numru 17/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**SaviourGalea**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Saviour Galea, bin Paul u Ruzarja nee` Portelli imwieled fis-6 ta’ Frar 1950 u residenti fil-fond Maria, Triq Kercem, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 24150(G), fejn gie akkuzat talli nhar is-26 ta’ Dicembru 2009 ghal habta ta’ 15.30hrs fi Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex:

1. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fis-sewqan tieghu habat ma vettura KBJ 796 u kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Geoffrey

Spiteri li kien qed isuq din il-vettura hekk kif iccertifika Dr Joseph Vella MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-15 ta' Dicembru, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Saviour Galea hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ihallas multa ta' €500.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-akkuzat Saviour Galea minnu prezentat fit-2 ta' Jannar 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, u tillbera lill-imputat minn kull htija u piena skont il-ligi u f'kaz li ssib il-htija taghti piena li aktar taghmel ghal kaz prezenti.

**4.** Rat l-atti, d-depozizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti esebiti.

**5.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fis-26 ta' Dicembru 2009 l-appellant Saviour Galea kien isuq karozza bin-numru EBA295 'l isfel fi Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex b' direzzjoni tal-Ghadira. F'mument minnhom it-triq djieqet ghaliex kien hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq b'mod li ma setghux jghaddu zewg vetturi mill-ispazju rimanenti bejn il-vetturi pparkjati. Mid-direzzjoni opposta kien gej motorcycle numru KBJ796 misjuq minn Jeffrey sive Geoffrey Spiteri 'l fuq ghat-telgha lejn l-Ghadira. L-appellant wasal biex jghaddi minn bejn iz-zewg vetturi pparkjati u fil-mument li wasal bejniethom tfacca l-mutur misjuq minn Spiteri u dan ghafas il-brake biex jieqaf izda l-mutur tieghu skiddja u baqa' diehel fil-vettura misjuqa mill-appellant li x'hin ra l-mutur gej ghal fuqu waqqaf il-karozza tieghu. Fl-incident l-imsemmi Spiteri wegga gravi.

**6.** L-aggravju ewlieni tal-appellant hu essenzjalment dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti li l-appellant isostni jistrieh fuq assunzjonijiet li ma gewx pruvati.

Ikkunsidrat:

**7.** Rigward in-natura tal-aggravju tal-appellant il-kazistika hi ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet serji li jinducu lil din il-Qorti tkun tal-fehma li l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha b'mod li jekk ma tigix disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi tkun ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

**8.** Jeffrey Spiteri xehed li x'hin kien diehel fit-triq lejn l-ghadira waqt li kien isuq b'madwar 50 km fis-siegha huwa sab it-triq maghluqa ghaliex fuq iz-zewgt nahat tat-triq kien hemm vetturi pparkjati u bejniethom fin-nofs kien hemm karozza li kienet miexja gejja lejh. Huwa lemah din il-vettura x'hin din kienet diga qabdet iz-zewg karozzi pparkeggjati. Huwa kellu diffikulta jikkontrolla l-mutur u pprova jzomm billi ghafas il-brake izda l-mutur skiddja u baqa diehel fil-vettura li kif ratu gej ghal fuqu waqqqaf.

**9.** Vincent Xuereb kien isuq mutur fil-kumpanija ta' Jeffrey Spiteri u persuna ohra jisimha Mark li wkoll kien isuq mutur. F'hin minnhom kienu jsuqu f'parti tat-triq fejn kien hemm liwja u gew rinfaccjati b'karozza faccata taghhom. Huwa kien isuq wara z-zewg muturi l-ohra. Wiehed mill-muturi ghadda izda l-iehor le. Kienu ghaddejin b'xi 30 jew 40 km fis-siegha. L-vettura l-ohra li kienet bejn il-vetturi pparkjati kienet miexja bil-mod. Spiteri ghafas il-brake u skiddjalu l-mutur u baqa' diehel fil-vettura tal-appellant. Jghid li x'hin Spiteri ghafas il-brake kien xi 20 pied boghod mill-vettura tal-appellant u li kieku l-mutur ma skiddjax il-habta ma kienetx issir ghaliex Spiteri ma setax izomm il-mutur f'distanza daqshekk qasira.

**10.** Mark Anthony Camilleri kien is-sewwieq tal-mutur l-iehor u kien jakkumpanja lil Jeffrey Spiteri u Vincent Xuereb u xehed li x'hin lahqu fil-liwja raw karozza faccata taghhom u Jeffrey Spiteri zamm brake u llokjatlu r-rota ta' wara u l-mutur tieghu telaq minn wara u baqa' diehel fil-karozza. Mark Anthony rnexxielu jghaddi minn bejn il-karozza u truck li kien ipparkjat fuq il-post.

**11.** Minn naha tieghu l-imputat appellant xehed li huwa kien niezel bil-karozza u fil-kantuniera kien hemm zewg trakkijiet ipparkjati u kien hemm mutur li baqa’ gej ghal fuqu. Huwa jghid li x’hin ra l-mutur gej huwa waqaf. Jghid ukoll li l-mutur kien gej xi ftit qawwi. Il-mutur imbghad zamm brake u baqa gej sparat ghal fuqu. Huwa zied jghid li kien miexi bil-mod ghax it-triq qieghda f’kantuniera u trid toqghod b’seba’ ghajnejn. Lemah lil Jeffrey Spiteri ezatt fuqu.

**12.** Tenut kont kif kienet id-dimanika tal-incident skont kif tirrizulta mill-provi din il-Qorti ma tarax x’seta’ jaghmel l-imputat appellant fic-cirkostanzi aktar minn dak li fil-fatt ghamel. Ma hemm ebda prova li huwa kien isuq b’xi velocita’ mhux prudenti ghall-inhawi. Kien miexi bil-mod u di fatti waqaf appena lemah il-mutur u jidher li lemah il-mutur appena dan tfacca fil-vizwali tieghu li turi li kien qieghed izomm *a proper look out*. Jirrizulta li x’hin tfaccaw il-muturi huwa kien gia lahaq wasal fil-pozizzjoni bejn il-vetturi pparkjati. Certament wiehed ma jistax jippretendi li kellu jieqaf qabel jokkupa l-ispazju ta’ bejn il-vetturi pparkjati jistenna titfaccax xi vettura mid-direzzjoni opposta. Jidher li x’hin qabad jiehu pozizzjoni biex jghaddi bil-mod minn bejn il-vetturi pparkjati il-muturi kienu ghadhom ma tfaccawx u tfaccaw appena huwa lahaq fil-pozizzjoni bejn il-vetturi pparkjati. F’dak  il-mument ftit li xejn seta’ jaghmel hlief li jieqaf kif fil-fatt ghamel. Certament ma kienx f’pozizzjoni li jregga lura biex jaghti d-dritta lill-muturi ghaliex appena wasal fil-pozizzjoni bejn il-vetturi pparkjati minnufih sab il-muturi gejjin isuqu ghal fuqu. Wiehed mill-muturi li kienu gejjin minn faccata rnexxielu jghaddi bejn il-vettura misjuqa mill-imputat u l-vettura pparkjata. Il-mutur misjuq minn Jeffrey Spiteri ma rnexxilux jghaddi ghaliex appena ra l-vettura tal-imputat timblokkalu l-passagg ghafas il-brake izda ma setax izomm il-mutur li jidher li zbilancja u baqa’ diehel fuq il-vettura wieqfa tal-appellant. Jeffrey Spiteri stess jikkoncedi li fil-frattemp il-vettura misjuqa mill-appellant kienet waqfet.

**23.** Il-Qorti hi ghalhekk tal-fehema li l-incident in kwistjoni gara unikament minhabba s-sewqan ta’ Jeffrey Spiteri li kien imprudenti fic-cirkostanzi tal-kaz u tal-inhawi li dak il-hin kien qieghed jinnaviga l-istess Spiteri fi triq f’liwja b’mutur quddiemu u iehor warajh b’velocita’ mhux meqjusa fic-cirkostanzi. Da parti tal-appellant ma giet pruvata ebda imprudenza da parti tieghu ghaliex ma jirrizultax li kien qieghed isuq b’xi velocita’ imprudenti fic-cirkostanzi u ghamel dak mistenni minn sewwieq fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom.

**24.** Din il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma li jezistu ragunijiet sufficjentement serji sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti sabiex jigi evitat li ssir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appell tal-appellant Saviour Galea billi thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-istess appellant minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------